



Kunsill Ewropew

Brussell, 24 ta' Ottubru 2014

EUCO 169/14

CO EUR 13
CONCL 5

NOTA TA' TRASMISSJONI

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Kunsill Ewropew (23 u 24 ta' Ottubru 2014) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa t'hawn fuq.

I. QAFAS TA' POLITIKA GĦALL-KLIMA U L-ENERĠIJA GĦALL-2030

1. Sar progress sostanzjali lejn il-kisba tal-miri tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, li jeħtieġ li jintlaħqu kompletament sal-2020. Abbażi tal-prinċipji identifikati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2014, illum, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 għall-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-UE ser tippreżenta l-kontribut tagħha sa mhux aktar tard mill-ewwel tliet xhur tal-2015, skont l-iskeda ta' żmien miftiehma mill-UNFCCC f'Varsavja għall-konklużjoni ta' ftehim globali dwar il-klima. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-pajjiżi kollha biex iressqu miri u politiki ambizzjużi, ferm qabel il-21 Konferenza tal-Partijiet f'Pariġi. Huwa ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni wara l-Konferenza ta' Pariġi. Il-Kunsill Ewropew ser iżomm l-elementi kollha tal-qafas taħt reviżjoni u ser ikompli jagħti orjentazzjonijiet strateġiċi kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunsens dwar l-ETS, is-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, l-interkonnessjonijiet u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni ser ikompli jkollha djalogu regolari mal-partijiet ikkonċernati.

Mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra

2. Il-Kunsill Ewropew approva mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40% fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990. Għal dan il-għan:
 - 2.1 il-mira ser tintlaħaq b'mod kollettiv mill-UE bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, bit-tnaqqis fis-setturi li jaqgħu taħt l-ETS u s-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS li jammonta għal 43% u 30% sal-2030 meta mqabbla mal-2005, rispettivament;
 - 2.2 l-Istati Membri kollha ser jipparteċipaw f'dan l-isforz, filwaqt li jżommu bilanċ bejn ġustizzja u solidarjetà;

ETS tal-UE

- 2.3 Sistema riformata għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li tiffunzjona sew bi strument għall-istabbiltà tas-suq f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni ser tkun l-istrument ewlieni Ewropew biex tintlaħaq din il-mira; il-fattur annwali biex jitnaqqas il-limitu massimu ta' emissjonijiet massimi permessi ser jinbidel minn 1.74% għal 2.2% mill-2021 'il quddiem;
- 2.4 L-allokazzjoni bla ħlas mhux ser tiskadi; il-miżuri eżistenti ser ikomplu wara l-2020 biex jiġi evitat ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar il-klima, sakemm ma jsirux sforzi komparabbli f'ekonomiji kbar oħra, bl-objettiv li jiġu pprovduti livelli adatti ta' appoġġ għal setturi f'riskju li jtilfu l-kompetittività internazzjonali. Il-valur referenzjarju għall-allokazzjonijiet bla ħlas ser jiġu perijodikament riveduti f'konformità mal-progress teknoloġiku fis-setturi rispettivi tal-industrija. Ser jittieħed kont kemm tal-ispejjeż diretti kif ukoll indiretti tal-karbonju, f'konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Sabiex tinżamm il-kompetittività internazzjonali, l-iktar installazzjonijiet effiċjenti f'dawn is-setturi m'għandhomx jiffaċċjaw spejjeż mhux dovuti tal-karbonju li jwasslu għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-allokazzjonijiet futuri ser jiżguraw allinjament aħjar mal-livelli ta' produzzjoni li qed jinbidlu f'setturi differenti. Fl-istess ħin, l-inċentivi favur l-innovazzjoni tal-industrija ser jinżammu kompletament u l-komplessità amministrattiva mhux ser tiżdied. Il-kwistjoni li jiġu żgurati prezzijiet li jintlaħqu tal-enerġija u jiġu evitati gwadanji mhux previsti ser tiġi kkunsidrata;
- 2.5 f'dan il-kuntest, Stati Membri bi PDG per capita taħt is-60% tal-medja tal-UE jistgħu jagħżlu li jkomplu jagħtu kwoti bla ħlas lis-settur tal-enerġija sal-2030. L-ammont massimu mogħti bla ħlas wara l-2020 m'għandux ikun aktar minn 40% tal-kwoti allokati taħt il-punt 2.9 għall-irkantar lill-Istati Membri li jagħmlu użu minn din l-għażla. Il-modalitajiet attwali, inkluża t-trasparenza, għandhom jittejjbu biex jiġi żgurat li l-fondi jintużaw biex jiġu promossi investimenti reali li jimmodernizzaw is-settur tal-enerġija, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern tal-enerġija;

- 2.6 il-faċilità NER300 eżistenti ser tiġġedded, inkluż għall-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju u s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, bl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-innovazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi industrijali u d-dotazzjoni inizjali ser tiżdied għal 400 miljun kwota (NER400). Ser ikunu eliġibbli proġetti ta' investiment fl-Istati Membri kollha, inklużi proġetti fuq skala żgħira;
- 2.7 riżerva ġdida ta' 12 % ta' kwoti tal-ETS tal-UE ser titwarrab biex tindirizza ħtiġijiet addizzjonali ta' investiment partikolarment għoljin fi Stati Membri bi dħul baxx (PDG per capita¹ inqas minn 60% tal-medja tal-UE). Din ser ikollha l-karatteristiċi li ġejjin:
- ir-rikavat mir-riżerva ser jintuża biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u biex jiġu modernizzati s-sistemi tal-enerġija ta' dawn l-Istati Membri, sabiex jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'enerġija aktar nadifa, sigura u bi prezz li jista' jintlaħaq;
 - l-użu tal-fondi ser ikun kompletament trasparenti;
 - kwoti mir-riżerva ser jiġu rkantati skont l-istess prinċipji u modalitajiet bħal kwoti oħra;
 - ir-riżerva ser isservi biex jiġi stabbilit fond li ser jiġi amministrat mill-Istati Membri benefiċjarji, bl-involviment tal-BEI fl-għażla tal-proġetti. Ser jiġu żgurati arranġamenti ssimplifikati għal proġetti fuq skala żgħira. Sal-31 ta' Diċembru 2030 id-distribuzzjoni tal-fondi ser tkun ibbażata fuq it-taħlita ta' sehem ta' 50% ta' emissjonijiet verifikati u ta' sehem ta' 50% tal-kriterji tal-PDG, iżda il-bażi li fuqha jintgħażlu l-proġetti ser tiġi riveduta sa tmiem l-2024;
- 2.8 għall-finijiet ta' solidarjetà, tkabbir u interkonnessjonijiet, 10% tal-kwoti tal-ETS tal-UE li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri ser jitqassmu fost daww il-pajjiżi li l-PDG per capita tagħhom ma qabiżx 90% tal-medja tal-UE (fl-2013);
- 2.9 il-bqija tal-kwoti ser jitqassmu fost l-Istati Membri kollha abbażi ta' emissjonijiet verifikati, mingħajr ma jitnaqqas is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat;

¹ Ir-referenzi kollha fir-rigward tal-PDG fl-2013 f'EUR bil-prezzijiet tas-suq.

Setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS

- 2.10 il-metodoloġija biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, bl-elementi kollha kif applikati fid-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi għall-2020, ser tkompli sal-2030, bi sforzi li jitqassmu abbażi ta' PDG per capita relattiv. L-Istati Membri kollha ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis globali fl-emissjonijiet tal-UE fl-2030 b'miri li jvarjaw bejn 0% u -40% meta mqabbla mal-2005;
- 2.11 il-miri għall-Istati Membri bi PDG per capita ogħla mill-medja tal-UE ser ikunu aġġustati b'mod relattiv biex jirriflettu l-kosteffettività b'mod ġust u bbilanċjat;
- 2.12 id-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' flessibbiltà eżistenti fi ħdan is-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS ser jittejbu b'mod sinifikanti sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività tal-isforz kollettiv tal-UE u l-konverġenza tal-emissjonijiet per capita sal-2030. Flessibbiltà ġdida biex jintlaħqu l-miri - għall-Istati Membri b'miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li huma ogħla b'mod sinifikanti kemm mill-medja tal-UE kif ukoll mill-potenzjal tagħhom ta' tnaqqis kosteffettiv kif ukoll għal Stati Membri li ma kellhomx allokkazzjoni bla ħlas għal installazzjonijiet industrijali fl-2013 - ser tiġi stabbilita permezz ta' tnaqqis limitat u ta' darba fil-kwoti tal-ETS, li ser jiġi deċiż qabel l- 2020, filwaqt li tinżamm il-prevedibbiltà u l-integrità ambjentali;
- 2.13 huwa importanti li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u r-riskji relatati mad-dipendenza fuq il-karburanti fossili fis-settur tat-trasport. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli teżamina strumenti u miżuri għal approċċ komprensiv u teknoloġikament newtrali għall-promozzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fit-trasport, għal trasport elettriku u għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport ukoll wara l-2020. Il-Kunsill Ewropew jappella għal adozzjoni rapida tad-Direttiva li tistabbilixxi metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil. Huwa jfakkar ukoll li skont il-leġislazzjoni eżistenti, Stat Membru jista' jagħżel li jinkludi s-settur tat-trasport fil-qafas tal-ETS;

2.14 l-objettivi multipli tas-settur agrikolu u tal-użu tal-art, bil-potenzjal aktar baxx tagħhom ta' mitigazzjoni, għandhom jiġu rikonoxxuti, kif ukoll il-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza bejn l-objettivi tal-UE marbutin mas-sigurtà alimentari u t-tibdil fil-klima. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-aħjar mezzi li jippromwovu l-intensifikazzjoni sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li jitjieb kemm jista' jkun il-kontribut tas-settur għall-mitigazzjoni u s-sekwestru tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, inkluż permezz tal-afforestazzjoni. Hekk kif jippermettu l-kondizzjonijiet tekniċi u fi kwalunkwe każ qabel l-2020, ser tiġi stabbilita politika dwar l-inklużjoni tal-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija fil-qafas għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għall-2030.

Sorsi ta' enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-użu tal-enerġija

3. Ġiet stabbilita mira tal-UE ta' mill-inqas 27% għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030. Din il-mira ser tkun vinkolanti fil-livell tal-UE. Din ser tintlaħaq permezz ta' kontributi tal-Istati Membri mmexxija mill-ħtieġa li kollha flimkien jilhqqu l-mira tal-UE mingħajr ma l-Istati Membri jinżammu milli jistabbilixxu u jappoġġaw miri nazzjonali aktar ambizzjużi għalihom stess, f'konformità mal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat, kif ukoll b'kont meħud tal-grad ta' integrazzjoni tagħhom fis-suq intern tal-enerġija. L-integrazzjoni ta' livelli li qed jiżdiedu ta' enerġija rinnovabbli intermittenti teħtieġ suq intern tal-enerġija aktar interkonness u sostenn xieraq, li għandu jiġu kkoordinat kif meħtieġ fil-livell reġjonali.

Ġiet stabbilita mira indikattiva ta' mill-inqas 27% fil-livell tal-UE għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-2030 meta mqabbel mal-previżjonijiet tal-konsum tal-enerġija fil-futur abbażi tal-kriterji attwali. Din ser tinkiseb b'mod kosteffettiv u ser tirrispetta b'mod sħiħ l-effettività tas-sistema ETS fil-kontribut tagħha għall-miri klimatiċi iġenerali. Din ser tiġi riveduta sal-2020, filwaqt li jitqies il-livell tal-UE ta' 30 %. Il-Kummissjoni ser tipproponi setturi ta' prijorità fejn jista' jsir gwadann sinifikanti ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u modi biex dawn jiġu indirizzati fil-livell tal-UE, filwaqt li l-UE u l-Istati Membri ser jiffokaw l-isforzi regolatorji u finanzjarji tagħhom fuq dawn is-setturi.

Dawn il-miri ser jintlaħqu b'rispett sħiħ lejn il-libertà tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Il-miri mhux ser jinbidlu f'miri nazzjonali vinkolanti. L-Istati Membri individwali huma liberi li jistabbilixxu miri nazzjonali oġhla għalihom stess.

Kisba ta' suq intern tal-enerġija kompletament konness u li jiffunzjona b'mod sħiħ

4. Il-Kunsill Ewropew innota l-importanza fundamentali ta' suq intern tal-enerġija kompletament konness u li jiffunzjona b'mod sħiħ. Filwaqt li fakkar fil-konklużjonijiet ta' Marzu 2014 dwar it-tlestija tiegħu, il-Kunsill Ewropew enfasizza li għandu jiġi mobilizzat kull sforz sabiex dan l-oġettiv jintlaħaq bħala kwistjoni ta' urġenza. Il-prevenzjoni tal-interkonnessjonijiet inadegwati tal-Istati Membri man-networks Ewropej tal-gass u tal-elettriku u l-iżgurar tal-operat sinkronizzat tal-Istati Membri fin-Netzwerke Kontinentali Ewropej kif previst fl-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija wkoll ser jibqgħu prijorità wara l-2020. F'dak il-kuntest iddeċieda li:
- il-Kummissjoni Ewropea b'appoġġ mill-Istati Membri ser tieħu miżuri urġenti sabiex tiżgura l-kisba ta' mira minima ta' 10% tal-interkonnessjonijiet eżistenti tal-elettriku, bħala kwistjoni ta' urġenza, u mhux iktar tard mill-2020 tal-inqas għall-Istati Membri li ma jkunux għadhom laħqu livell minimu ta' integrazzjoni fis-suq intern tal-enerġija, li huma l-Istati Baltiċi, il-Portugall u Spanja, u għall-Istati Membri li jikkostitwixxu l-punt ta' aċċess prinċipali tagħhom għas-suq intern tal-enerġija. Il-Kummissjoni ser tissorvelja l-progress u tirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar is-sorsi kollha possibbli ta' finanzjament inkluż dwar il-possibbiltajiet ta' finanzjament tal-UE sabiex ikun żgurat li tintlaħaq il-mira ta' 10%. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti, inkluż dwar il-finanzjament, fil-limiti tal-istrumenti rilevanti tal-QFP, jekk xieraq. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Marzu u ta' Ġunju, li enfasizzaw il-ħtieġa li tkun żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Istati Membri kollha fis-suq intern tal-enerġija, il-Kummissjoni ser tirrapporta wkoll regolarment lill-Kunsill Ewropew bl-għan li tintlaħaq il-mira ta' 15% sal-2030, kif propost mill-Kummissjoni. Iż-żewġ miri ser jinkisbu permezz tal-implimentazzjoni tal-PCIs;

- L-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni inkluż dawk identifikati fl-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija li jikkollegaw b'mod partikolari l-Istati Baltiċi, Spanja u l-Portugall mal-bqija tas-suq intern tal-enerġija, u jiżguraw li dawn jingħataw l-ogħla prijorità u li jitlestew sal-2020. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-partijiet tas-suq uniku l-aktar remoti u/jew konnessi anqas tajjeb bħal Malta, Ċipru u l-Greċja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa', bħala l-ewwel pass, l-istrateġija komuni reċenti tal-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għall-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet għall-Peniżola Iberika mas-suq intern tal-elettriku, inklużi proġetti konkreti sabiex il-kapaċità tiżdied. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-implimentazzjoni tal-istrateġija u jinkoraġġixxi lill-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-awtoritajiet regolatorji biex jinkludu l-proġetti rilevanti fil-pjanijiet ta' għaxar snin li jmiss għall-iżvilupp tan-network;
- meta l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti ma tkunx biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ta' 10%, ser jiġu identifikati proġetti ġodda, li ser jiżdiedu bħala kwistjoni ta' prijorità fir-reviżjoni li jmiss tal-lista ta' proġetti ta' interess komuni u dawn ser jiġu implimentati rapidament. Il-kofinanzjament tal-UE għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni ta' dawn il-proġetti. Il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta komunikazzjoni qabel il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2015 dwar l-aħjar linji ta' azzjoni sabiex il-mira msemmija hawn fuq tintlaħaq b'mod effettiv.

Sigurtà tal-enerġija

5. Filwaqt li fakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2014, il-Kunsill Ewropew approva aktar azzjonijiet li jnaqqsu d-dipendenza enerġetika tal-UE u jżidu s-sigurtà tal-enerġija tagħha kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass. Il-moderazzjoni tad-domanda tal-enerġija permezz ta' effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija ser tikkontribwixxi wkoll għal dan l-għan. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar is-sigurtà tal-enerġija¹. Huwa laqa' r-Rapport tal-Kummissjoni dwar azzjoni immedjata sabiex tiżdied il-kapaċità tal-UE fil-konfront ta' interruzzjoni maġġuri possibbli matul ix-xitwa li ġejja. Dan ir-rapport jagħti stampa sħiħa ta' kemm hi robusta s-sistema Ewropea tal-enerġija (eżerċizzju ta' simulazzjoni ta' kriżi). F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew laqa' l-kontributi mill-Istati Membri kollha, l-atturi ewlenin fil-qasam tal-enerġija, kif ukoll il-pajjiżi ġirien u s-sħab. Il-Kunsill Ewropew għaraf ukoll li s-sigurtà tal-enerġija tal-UE tista' tiżdied billi jsir rikors għal riżorsi indiġeni kif ukoll għal teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-punti li ġejjin:

- jiġu implimentati proġetti kritiċi ta' interess komuni fis-settur tal-gass, bħall-Kuritur bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u l-promozzjoni ta' ċentru ġdid tal-gass fin-Nofsinhar tal-Ewropa kif ukoll il-proġetti infrastrutturali ewlenin li jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija tal-Finlandja u l-Istati Baltiċi, biex tiġi żgurata d-diversifikazzjoni tal-provvista u r-rotot tal-enerġija biex jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq;
- jitjiebu l-arranġamenti għal użu aħjar tal-kapaċità ta' rigassifikazzjoni u ħżin fis-sistema tal-gass sabiex jiġu indirizzati aħjar is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza;
- il-Kummissjoni tiġi mistiedna tintensifika l-appoġġ tagħha sabiex tiżgura koordinazzjoni aħjar tal-isforzi biex jitlestew il-proġetti kritiċi ta' interess komuni; u tiżviluppa azzjonijiet immirati bħal pariri tekniċi jew l-istabbiliment ta' task forces multilaterali rigward interkonnnetturi speċifiċi mal-Istati Membri rilevanti għal riżoluzzjoni rapida tal-problemi fl-implimentazzjoni;

¹ 13788/14

- il-proċeduri amministrattivi nazzjonali jiġu ssimplifikati f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni, u tiġi żviluppata aktar politika li tindirizza l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija, inkluż kontra r-riskji relatati mal-ICT;
- bil-ġhan li tiżdied is-saħħa tan-negozjar tal-UE fin-negozjati dwar l-enerġija, isir użu sħiħ mid-Deċiżjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward ta' dispożizzjonijiet standard u l-assistenza tal-Kummissjoni fin-negozjati;
- jiġi inkoraġġut li l-Istati Membri u l-kumpanniji involuti jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni u jfittxu l-appoġġ tagħha matul in-negozjati, inkluż dwar il-valutazzjoni ex-ante tal-kompatibbiltà tal-ftehimiet intergovernattivi mal-leġislazzjoni tal-UE u l-prijoritajiet tagħha fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija;
- tkompli tissaħħaħ il-Komunità tal-Enerġija li għandha l-mira li tespandi l-acquis tal-UE dwar l-enerġija lejn il-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat, fid-dawl tat-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista tal-UE;
- isir użu mill-istrumenti tal-politika barranija tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġu ppreżentati messaġġi konsistenti relatati mas-sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari lis-sħab strateġiċi u l-fornituri ewlenin tal-enerġija.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tas-sigurtà tal-enerġija fl-2015 biex jivvaluta l-progress.

Governanza

6. Il-Kunsill Ewropew qabel li tiġi żviluppata sistema ta' governanza affidabbli u trasparenti mingħajr ebda piż amministrattiv mhux dovut, bħala għajnuna biex jiġi żgurat li l-UE tilħaq il-miri tal-politika tal-enerġija tagħha, bil-flessibbiltà meħtieġa għall-Istati Membri u b'rispett sħiħ lejn il-libertà tagħhom li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Din is-sistema ta' governanza ser :
 - 6.1 tibni fuq elementi modulari eżistenti, bħal programmi nazzjonali dwar il-klima, il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-linji separati tal-ippjanar u r-rappurtar ser jiġu ssimplifikati u miġbura flimkien;

- 6.2 issaħħaħ ir-rwol u d-drittijiet tal-konsumaturi, it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-investituri fost l-oħrajn permezz ta' monitoraġġ sistematiku ta' indikaturi ewlenin għal sistema tal-enerġija bi prezz li jintlaħaq, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli;
- 6.3 tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija u trawwem kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-għan tiegħu li jibni Unjoni tal-Enerġija bil-għan ta' enerġija bi prezz li jintlaħaq għal kulħadd, sigura u sostenibbli, kif ġie ddikjarat fl-Aġenda Strateġika tiegħu, u ser iżomm l-implimentazzjoni ta' dan l-għan taħt reviżjoni regolari.

II. KWISTJONIJET EKONOMIĊI

7. Is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi tibqa' l-ogħla prijorità tagħna. L-iżviluppi makroekonomiċi reċenti huma diżappuntanti b'livell baxx ta' tkabbir tal-PDG u livelli persistenti għolja ħafna ta' qgħad fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa kif ukoll inflazzjoni eċċezzjonalment baxxa. Dan jissottolinja l-urġenza tal-implimentazzjoni immedjata ta' miżuri biex tingħata spinta lill-impjiegi, it-tkabbir, il-kompetittività u ta' dawk maħsuba biex jirresponsabilizzaw u jipproteġu liċ-ċittadini tagħha kif stabbilit fl-Aġenda Strateġika għall-Unjoni fi Żminijiet ta' Bidla. Riformi strutturali u finanzji pubbliċi fis-sod huma kondizzjonijiet ewlenin għall-investment. Għal dan l-għan, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex isarrfu dawn l-orjentazzjonijiet f'azzjonijiet ta' politika konkreti mingħajr dewmien.

8. Biex twitti t-triq lejn irkupru ekonomiku sostenibbli b'saħħtu, l-Ewropa teħtieġ li tinvesti fil-ġejjieni tagħha. Investiment baxx illum inaqar il-potenzjal għat-tkabbir ta' għada. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jmiss biex tniedi inizzjattiva biex jiġu mmobilizzati EUR 300 biljun f'investiment addizzjonali minn sorsi pubbliċi u privati matul il-perijodu 2015-2017. Jeħtieġ li ninkoraġġixxu użu sħiħ mir-riżorsi kollha eżistenti u allokat tal-UE. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-istabbiliment ta' Task Force, immexxija mill-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment, bil-ħsieb li jiġu identifikati azzjonijiet konkreti biex tingħata spinta lill-investment, inkluż pjan ta' proġetti potenzjalment vijabbli ta' rilevanza Ewropea li għandhom jitwettqu fit-terminu qasir u medju. Huwa stieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib b'mod partikolari mal-BEI, biex imexxu din l-inizzjattiva ta' investment 'il quddiem mingħajr dewmien, u biex jirrapportaw lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru.
9. Il-progress lejn l-istabbiliment tal-unjoni bankarja kkontribwixxa għal titjib sinifikanti fil-kondizzjonijiet tas-suq finanzjarju. Sistema bankarja Ewropea reżiljenti, sorveljata tajjeb u regolata ser tikkontribwixxi biex tappoġġa l-irkupru ekonomiku. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew laqa' t-tnedija tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku fl-4 ta' Novembru 2014.

III. PUNTI OĦRA

Ebola

10. Il-Kunsill Ewropew jinsab imħasseb ferm dwar it-tixrid bla heda tal-virus tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent u l-għadd dejjem jiżdied ta' nies infettati u li qed imutu bih. Huwa faħħar il-ħidma mwettqa mill-gvernijiet tal-pajjiżi affettwati u mill-NGOs b'reazzjoni għal sfida mingħajr preċedent għas-saħħa. Il-Kunsill Ewropew esprima wkoll l-apprezzament kbir tiegħu għad-dedikazzjoni altruwista ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa f'din il-kriżi u għall-kuraġġ u l-professjonaliżmu tagħhom.

11. Billi ngħaqdu flimkien man-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet reġjonali u sħab ewlenin oħra, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kienu minn ta' quddiem fl-isforzi internazzjonali biex jiġi provdut rispons ta' emerġenza billi joffru kapaċitajiet li kienu ta' qofol, bħal persunal espert, laboratorji mobbli li kapaċi jitrattaw l-Ebola, ċentri ta' trattament, u trasport kemm bl-ajru kif ukoll bil-baħar bħala parti mir-Rispons Komprensiv tal-UE. Il-finanzjament mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha issa laħaq aktar minn EUR 600 miljun. Il-Kunsill Affarijiet Barranin reċenti u l-laqgħa tal-Ministri tal-UE għas-Saħħa ddefinixxew aktar l-azzjoni tal-UE u l-Kunsill Ewropew iħeġġeġ l-implimentazzjoni rapida tal-konklużjonijiet tagħhom.
12. Rispons sostnut, koordinat u miżjud huwa meħtieġ sabiex jittrażżnu x-xejriet attwali. Hija meħtieġa assistenza addizzjonali biex iżżid ir-rispons fuq il-post, l-aktar fir-rigward tal-kura medika u t-tagħmir, kif ukoll screening imsaħħaħ fil-punti ta' ħruġ. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-impenji tal-Istati Membri biex iżidu l-assistenza finanzjarja, li ser iwassal għal finanzjament totali ta' EUR 1 biljun. Barra minn hekk, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jimmobilizzaw aktar persunal mediku u ta' appoġġ fir-reġjun. L-Istati Membri u l-Kummissjoni qablu wkoll li jiggarrantixxu kura xierqa għall-ħaddiema internazzjonali fil-qasam tas-saħħa fil-limiti tar-riżorsi disponibbli biex jingħataw it-trattament li jeħtieġu, inkluż permezz ta' evakwazzjoni medika. Barra minn hekk, l-użu taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons f'Emerġenza (ERCC) bħala mekkaniżmu ta' koordinament għall-mobilizzazzjoni ta' esperti volontarji fil-qasam tas-saħħa huwa prijorità.
13. L-iskala tal-epidemija hija theddida mhux biss għall-ekonomija u l-istabbiltà tal-pajjiżi affettwati, iżda wkoll għar-reġjun kollu kemm hu. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw pakkett ta' miżuri li jindirizzaw l-implikazzjonijiet politiċi, ta' sigurtà u ekonomiċi usa' tal-kriżi tal-Ebola fil-Punent tal-Afrika.
14. L-għajjnuna lill-Punent tal-Afrika biex ilaħħaq mal-kriżi hija l-aktar mod effettiv biex jiġi evitat tixrid serju tal-marda xi mkien ieħor. Fl-istess ħin, bl-ewwel każijiet ikkonfermati ta' infezzjonijiet tal-Ebola fl-Ewropa, l-istat ta' tħejjija fl-Unjoni Ewropea u ħidma ulterjuri biex jitħarsu pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħhom huma tal-akbar importanza, b'mod partikolari miżuri ta' prekawzjoni biex jitnaqqsu r-riskji ta' kontagġju, inklużi azzjonijiet preventivi koordinati fi ħdan l-UE bħall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-aħjar Prattika, it-taħriġ ta' professjonisti fil-qasam tas-saħħa u, fejn adatt, screening fil-punti tad-dħul.

15. Bil-ksieb li tissaħħaħ aktar il-kapaċità ta' rispons tal-UE għall-Ebola, l-UE ħatret lill-Kummissarju li jmiss Christos Stylianides bħala koordinatur tal-UE għall-Ebola. Assistit miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons f'Emerġenza, hu ser jaħdem mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, in-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet interessati oħra.
16. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-President tal-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jirrapportaw lura fil-laqgħa tiegħu li jmiss dwar il-miżuri meħuda biex jirrispondu għal kriżi tal-Ebola.

Ukraina

17. Waqt li fakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Awwissu, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Protokoll ta' Minsk tal-5 ta' Settembru u l-Memorandum ta' Minsk tad-19 ta' Settembru bħala passi lejn soluzzjoni politika sostenibbli tal-kriżi, li għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett lejn l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukraina. Huwa jistenna l-impenn sħiħ tal-partijiet u l-implimentazzjoni rapida tal-impenji kollha skont id-dokumenti ta' Minsk, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tal-waqfien mill-ġlied, l-istabbiliment ta' arranġamenti komprensivi ta' kontroll tal-fruntieri u li jsiru elezzjonijiet bikrija fir-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk skont il-liġi tal-Ukraina. Huwa jqis li l-elezzjonijiet "presidenzjali" u "parlamentari" mitluba mill-awtoritajiet awtoproklamati jmorru kontra l-ispiritu u dak li hu dettat mill-Protokoll ta' Minsk, u mhux ser ikunu rikonoxxuti. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għall-aċċess immedjat, sikur u mingħajr restrizzjonijiet għas-sit tal-waqgħa tal-MH17.
18. L-Unjoni Ewropea tistenna li l-Federazzjoni Russa tirrispetta s-sovranità nazzjonali u l-integrità territorjali tal-Ukraina u tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni politika u l-irkupru ekonomiku tal-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew itenni li mhuwiex ser jirrikonoxxi l-annessjoni illegali tal-Krimea. Il-Federazzjoni Russa għandha tassumi r-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Russi għandhom jipprevjenu kwalunkwe moviment militari, ta' armi jew ta' ġellieda mit-territorju tagħhom għal ġewwa l-Ukraina. Huma għandhom jeżerċitaw l-influwenza tagħhom biex jiżguraw li s-separatisti jimplimentaw b'rieda tajba l-obbligi assunti f'Minsk. Il-Federazzjoni Russa għandha wkoll tappoġġa l-isforzi ta' verifika tal-OSKE.

19. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-sħiħ favur soluzzjoni politika għall-kriżi tal-Ukraina, inkluż permezz ta' kontributi biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' monitoraġġ tal-OSKE, billi jżidu l-assistenza umanitarja tagħhom, u jinkoraġġixxu u jassistu lill-Ukraina fil-proċess tagħha ta' riformi, b'mod partikolari dwar id-deċentralizzazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-applikazzjoni proviżorja imminenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Huwa ssottolinja l-importanza li l-Federazzjoni Russa, l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea jirrispettaw bis-sħiħ l-impenji riflessi fid-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tat-12 ta' Settembru.
20. Bil-ħsieb tal-elezzjonijiet parlamentari tas-26 ta' Ottubru, il-Kunsill Ewropew itenni r-rieda tiegħu li jappoġġa lill-Ukraina hi u tindirizza r-riforma politika u ekonomika, inkluż fis-settur tal-enerġija, f'konformità mal-impenji li ttieħdu miż-żewġ naħat permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
21. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress fir-risoluzzjoni tal-kriżi tal-enerġija tal-Ukraina. Huwa jistenna b'interess il-finalizzazzjoni tan-negozjati trilaterali li għaddejjin bejn il-Federazzjoni Russa, l-Ukraina u l-Kummissjoni Ewropea.
22. Il-Kunsill Ewropew fakkar fid-deċiżjonijiet preċedenti tal-UE dwar miżuri restrittivi. Huwa ser jibqa' jsegwi s-sitwazzjoni fl-Ukraina sabiex jipprovi direzzjoni ulterjuri kif meħtieġ.

Ir-Repubblika tal-Moldova

23. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess li jsiru l-elezzjonijiet parlamentari fir-Repubblika tal-Moldova fit-30 ta' Novembru bħala pass ieħor importanti fuq l-aġenda Ewropea tar-Repubblika tal-Moldova wara l-applikazzjoni proviżorja reċenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Huwa jistenna li l-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin ikunu ħielsa u ġusti, u jirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-Moldova jaħdmu mill-qrib ma' osservaturi elettorali internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-forzi politiċi kollha għandhom iwettqu kampanja elettorali miftuħa u ġusta.

Ċipru

24. Il-Kunsill Ewropew esprima tħassib serju dwar it-tensjonijiet li reġgħu qamu fil-Lvant tal-Mediterran u ħeġġeġ lit-Turkija biex toqgħod pass lura u tirrispetta s-sovranità ta' Ċipru fir-rigward tal-baħar territorjali tiegħu u d-drittijiet sovrani ta' Ċipru fiż-żona ekonomika esklussiva tiegħu. Il-Kunsill Ewropew fakkar fid-Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005, inkluż li r-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha huwa komponent neċessarju tal-proċess ta' adeżjoni. Fiċ-ċirkostanzi attwali, il-Kunsill Ewropew qies li hu aktar importanti minn qatt qabel li tiġi ggarantita klima pożittiva sabiex in-negozjati għal ftehim komprensiv fil-kwistjoni ta' Ċipru jistgħu jissokkaw.

Strategġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku

25. Il-Kunsill Ewropew approva l-Istrategġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (EUSAIR) u appella lill-atturi rilevanti kollha biex jimplimentawha mingħajr dewmien, kif deskritt fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014.

Kwistjonijiet istituzzjonali

26. Il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea.
-